IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.10.2009
KUMM(2009)606 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ISFOND POLITIKU U LEGALI

Fit-18 ta' Mejju 1999, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja kkonkludew Ftehim li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawk l-istati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[1].

Fis-26 ta' Ottubru 2004, l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera ffirmaw Ftehim dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen. Fl-1 ta' Marzu 2008 il-Ftehim daħal fis-seħħ[2].

Fil-21 ta' Ġunju 2006, ġie inizjalat Protokoll bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Protokoll ta' Assoċjazzjoni" . Il-Protokoll ġie ffimat fit-28 ta' Frar 2008.

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni waqqaf Kumitat Imħallat li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Assoċjati kif ukoll tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

Konsegwentement, ir-rappreżentanti tal-Istati Assoċjati jattendu Kumitati Mħallta li jiltaqgħu fil-forma ta' gruppi ta' ħidma tal-Kunsill imwessa' mir-rappreżentanti tal-Istati Assoċjati. Fil-livell ta'Coreper jew fil-Kunsill dawn huma ppreseduti alternattivament għal perjodi ta' sitt xhur mir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u mir-rappreżentanti tal-Gvern tal-Istat Assoċjat.

Il-partiċipazzjoni fil-Kumitat Imħallat tagħti lill-Istati Assoċjati l-opportunità f'waqtha sabiex issemma' kull tħassib dwar żviluppi tal-*acquis* ta' Schengen, li għandhom jiġu addottati mill-Istati Assoċjati kollha, u l-implimentazzjoni ta' dan l-*acquis*. Wara diskussjonji mal-Kumitat Imħallat, il-miżuri mittieħda sabiex jiżviluppaw l-*acquis* ta' Schengen huma addottati mill-Kunsill u mill-Parlament Ewrope permezz ta' proċedura tat-teħid ta' deċiżjoni xierqa msemmija fit-Trattati Għalhekk, l-Istati Assoċjati jipparteċipaw fl-iffurmar ta' deċiżjoni iżda mhux fit-teħid ta' deċiżjoni.

Din l-assoċjazzjoni sui generis mal-*acquis* ta' Schengen wasslet lill-Kunsill sabiex jikkonkludi ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar il-Kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen".

Il-ftehim man-Norveġja u l-Iżlanda jsemmi l-ħtieġa sabiex jiġu assoċjati max-xogħol ta' dawn il-kumitati sabiex jiġi assigurat li dawn il-pajjiżi huma involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam kopert mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-Komunità Ewropea tat

---

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p.36.
[2] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

kelma li tinnegozja arranġamenti xierqa għall-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi max-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen hekk kif il-bżonn jinħass.

F'dak li jirrigwarda l-Konfederazzjoni Żvizzera, dikjarazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni, kif ukoll ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kunsill u l-Konfederazzjoni Żvizzera jipprovdu għal impenn espliċitu mill-Komunità Ewropea sabiex jinnegozjaw arranġamenti xierqa għall-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera max-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen.

Fir-rigward tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, Dikjarazzjoni relevanti meħmuża mall-Protokoll ta' Assoċjazzjoni jipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Liechtenstein fil-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen.

Sakemm l-Arranġament li hu kopert minn dan id-dokument jiġi konkluż, l-Istati Assoċjati jipparteċipaw fix-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen bħala osservaturi permezz tal-isklambju ta' ittri *ad hoc* imsemmi hawn fuq.

Għalkemm hemm żewġ ftehimiet bażiċi ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen, Arranġament waħdani għandu jiġi konkluż rigward il-parteċipazzjoni mill-Istati Assoċjati fix-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen sabiex jassiguraw konsistenza bejn u trattament ugwali tal-Istati Assoċjati.

Għall-effiċjenza u biex tiġi evitata l-ħtieġa li jsiru negozjati separati, il-Liechtenstein kien assoċjat man-negozjati dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen qabel ma titlesta l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Assoċjazzjoni. L-Arranġament dwar il-parteċipazzjoni fix-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen mhux se japplika għal Liechtenstein qabel id-data li fiha l-Protokoll ta' Assoċjazzjoni jidħol fis-seħħ.

L-awtorizzazzjoni sabiex jiġi negozjat arranġament ingħata lill-Kummissjoni fil-15 ta' Mejju tal-2006; madanakollu, in-negozjati ġew mħabbra mal-Istati Assoċjati kollha biss fis-17 ta' Ottubru tal-2008 peress in-Norveġja ġabet il-mandat tagħha għan-negozjati biss fl-2008 u l-Iżvizzera talbet li tistenna d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħha qabel ma tibda bin-negozjati. In-negozjati kienu finalizzati fid-30 ta' Ġunju 2009 u kien inizjalat l-abbozz tal-Arranġament.

L-Istati Membri kienu infurmati u kkonsultati fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) fi ħdan il-Kunsill.

Il-bażi legali għall-Arranġament hu l-Artikolu 62, punt 3 tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 63, l-Artikolu 66 u t-tielet inċiż tal-Artikolu 202, b'konnessjoni mal-Artikou 300(2) u (3) tat-Trattat tal-KE.

2. RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għanijiet mwaqqfa mill-Kunsill fid-direttivi tan-negozjati tagħha ntlaħqu u li l-arranġament abbozzat bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen hu aċċettabli għall-Komunità.

Il-kontenut finali tal-abbozz tal-Arraġament jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

Skop u ambitu

L-Arranġament jipprovdi li l-Istati Assoċjati se jkunu assoċjati bħala osservaturi max-xogħol tal-kumitati ta' Komitoloġija attwali u futuri li jassistu lill-Kummissjoni fi kwistjonijiet ta' Schengen. Il-lista tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen se tkun aġġornata regolarment mill-Kummissjoni u se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali.

Konsegwentement, l-Arranġament jistabbilixxi drittijiet u obbligi ċari sabiex jassiguraw parteċipazzjoni effettiva mill-Istati Assoċjati fil-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen. Dan jipprevedi li r-rappreżentanti tal-Istati Assoċjati għandhom jirċievu d-dokumenti tal-laqgħa rilevanti kollha meta l-laqgħa tal-kumitat titħabbar, jistgħu jikkummentaw fuq miżura proposta li tikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen jew jiddikjaraw kwalunkwe problema li ltaqgħu magħha fl-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri; madanakollu, ir-rappreżentanti minn dawn l-Istati mhux se jieħdu sehem fil-votazzjoni ta' dawn il-kumitati u għandhom jirtiraw meta il-Kumitat jgħaddi għall-vot.

Skont l-Arranġament, il-Kummissjoni se tikkomunika lill-Istati Assoċjati l-atti u l-miżuri li jikkostitwixxu żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

L-Arranġament jipprovdi li l-Istati Assoċjati se jiddeċiedu b'mod indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha addottati mill-proċeduri tal-kumitat tal-Komitoloġija ta' Schengen dwar l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jikkonferma r-regoli msemmija fil-Ftehimiet bażiċi ta' Assoċjazzjoni.

L-Arranġament isemmi wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istati Assoċjati għall-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti li se jipparteċipaw fil-laqgħat ta' dawn il-kumitati mhux se jiġu rimborsati.

Għandu jiġi enfasizzat li l-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Kumitat li jassisti lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi stabbiliti bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[3] hi mniżżla fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'dan il-Kumitat hi mniżżla fl-iskambju tal-ittri annessi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżvizzera.

Is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu.

Dikjarazzjoni

Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-assoċjazzjoni speċifika tar-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera bl-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen tenfasizza li m'għandhiex titqies bħala preċedent legali jew politiku għal kull qasam ta' kooperazzjoni ieħor bejn il-Komunità Ewropea u dawk il-pajjiżi.

---

[3] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

3. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

– jiddeċiedi li l-Arranġament jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità;

– japprova, wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Arranġament mehmuż bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62, il-punt 3 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63, l-Artikolu 66 u t-tielet inċiż tal-Artikolu 202, flimkien mat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni li ngħatat lill-Kummissjoni fil-15 ta' Mejju 2006, negozjati mar-Repubblika tal-Iżlanda, mall-Prinċipat tal-Liechtenstein, mar-Renju tan-Norveġja u mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumtiati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, ġew konklużi.

(2) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard, l-Arranġament li beda fit-30 ta' Ġunju 2009 għandu jiġi ffirmat u d-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża għandha tiġi approvata.

(3) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni tar-Renju Unit, taħt il-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jipparteċipa f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[4].

(4) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni tal-Irlanda, taħt il-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 li jikkonċerna t-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[5].

---

[4] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[5] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(5) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni tad-Danimarka, taħt il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumtiati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u tad-Dikjarazzjoni Konġunta mehmuża qed jiġu hawnhekk approvati f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tal-Arranġament.

It-testi tal-Arranġament u tad-Dikjarazzjoni Konġunta huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina persuna(i) bil-poter li tiffirma/jiffirmaw l-Arranġament, f'isem tal-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

ARRANĠAMENT

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

u

IR-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iżlanda",

IL-PRINĊIPAT TA' LIECHTENSTEIN, minn hawn 'il quddiem "Liechtenstein",

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "in-Norveġja", u

Il-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn il-quddiem "l-Iżvizzera",

Flimkien minn hawnhekk 'il quddiem msejħa l-"Istati Assoċjati",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim konkluż fit-18 ta' Mejju 1999 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn l-Istati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni" mal-Iżlanda u man-Norveġja",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim iffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004, l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, minn issa 'l quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżvizzera",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll iffirmat fit-28 ta' Frar 2008 bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll ta' Assoċjazzjoni mal-Liechtenstein",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri konkluż fit-18 ta' Mejju 1999 bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewopra fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004 bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha,

WARA LI KKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni mal-Protokoll ta' Assoċjazzjoni mal-Liechtenstein iffirmat fit-28 ta' Frar 2008 dwar il-partiċipazzjoni fil-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha,

BILLI KKUNSIDRAW LI l-atti jew il-miżuri l-ġodda tal-*acquis* ta' Schengen addottati mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'il quddiem imsejħal-"Kummissjoni", fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha, li għalihom il-proċeduri msemmija f'dan l-Arranġament ġew applikati, għandhom jiġu applikati b'mod simultanju għall-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri kkonċernati tagħha u għall-Istati Assoċjati,

BILLI KKUNSIDRAW il-bżonn li jiżguraw l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni uniformi tal-atti jew miżuri l-ġodda tal-*acquis* ta' Schengen li jirrikjedi l-parteċipazzjoni tal-Istati Assoċjati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fejn id-deċiżjonijiet dwar l-atti jew miżuri li jikkostitwixxu żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen jittieħdu,

BILLI l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma jindirizzawx ir-regoli dettaljati tal-parteċipazzjoni tal-Istati Assoċjati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-atti jew miżuri jikkostitwixxu żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen,

BILLI l-parteċepazzjoni tar-Repubblika tal-Iżlanda, tar-Renju tan-Norveġja u l-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Kumitat li jassisti lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha stabbiliti bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[6] hi mniżżla fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'dan il-Kumitat hi mniżżla fl-iskambju tal-ittri annessi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżvizzera,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan l-Arranġament japplika għall-atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen addottat mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

Artikolu 2

1. L-Istati Assoċjati għandhom ikunu assoċjati max-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen", msemmija fl-Anness 1 ta' dan l-Arranġament.

2. Meta att ġdid jemenda jew jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jistabbilixxi kumitat ġdid li jassisti lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha, l-Istati Assoċjati għandhom ikunu assoċjati fix-xogħol ta' dan il-kumitat mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxi lill-kumitat.

[6] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

3. Il-lista tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen se tkun aġġornata regolarment mill-Kummissjoni u għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

1. Ir-rappreżentanti tal-Istati Assoċjati għandhom ikunu assoċjati max-xogħol tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen kif spjegat f'dan l-artikolu.

2. Fil-kumitat tal-Komitoloġija ta' Schengen, l-Istati Assoċjati għandu jkollhom l-opportunità:

   – li jispjegaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom rigward att jew miżura partikolari dwar l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni jew l-żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen jew li jirreaġixxu għall-problemi li jiltaqgħu magħhom delegazzjonijiet oħra;

   – biex jesprimu rwieħhom fuq kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-abbozzar u l-iżvilupp ta' disposizzjonijiet li jikkonċernawhom jew l-implimentazzjoni tagħhom.

3. L-Istati Assoċjati għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu suġġerimenti lill-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen. Wara diskussjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra suġġerimenti bħal dawn bl-għan li tagħmel proposta jew tieħu inizjattiva.

4. L-Istati Assoċjati m'għandhomx jipparteċipaw fil-votazzjoni tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen u għandhom jirtiraw meta l-Kumitat jgħaddi għall-vot.

5. Meta l-laqgħat tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen jiġu msejjħa, l-Istati Assoċjati għandhom jirċievu l-aġenda, il-miżuri abbozzati li fuqhom huma mitluba li jagħtu l-opinjoni u kull dokument ta' ħidma relevanti ieħor fl-istess żmien bħall-Istati Membri tal-UE.

6. Il-prinċipji u l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen għandhom ikunu l-istess bħal dawk li japplikaw għad-dokumenti tal-Kummissjoni[7].

7. Referenza għandha ssir għal dan l-artikolu minħabba l-applikazzjoni ta' dan l-Arranġament u meta jitwaqqfu l-aspetti proċedurali tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen.

Artikolu 4

Meta qed jiġu abbozzati proposti li jemendaw jew jibnu fuq dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, il-Kummissjoni għandha tfittex informalment parir minn esperti tal-Istati Assoċjati bl-istess mod bħalma tfittex pariri minn esperti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Stati Membri", sabiex jiġu mfassla l-proposti tagħha.

---

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43).

Artikolu 5

1. L-addozzjoni ta' atti ġodda jew miżuri li jikkostitwixxu żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen għandhom jiġu riżervati għall-istituzzjonijiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea[8].

Suġġett għall-paragrafu 3,

– l-atti jew miżuri msemmija f'paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ b'mod simultanju għall-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha kkonċernati u l-Istati Assoċjati, sakemm dawk l-atti jew miżuri ma jipprovdux espliċitament mod ieħor.

– l-aċċettazzjoni minn kull wieħed mill-Istati Assoċjati tal-atti jew miżuri msemmija f'paragrafu 1 toħloq drittijiet u obbligi bejn l-Istati Assoċjati fuq naħa waħda, l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u dawk l-Istati Membri tagħha li huma marbutin b'dawk l-atti u miżuri, fuq in-naħa l-oħra.

2. L-addozzjoni tal-atti jew miżuri li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 li jkunu ġew applikati għalihom il-proċeduri stipulati f'dan l-Arranġament, għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Assoċjati.

L-addozzjoni ta' atti jew miżuri msemmija f'paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Assoċjati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, b'referenza għal dan l-artikolu, jekk l-addozzjoni ta' dawn l-atti jew miżuri hi notifikata lill-Istati Membri.

Jekk l-addozzjoni tal-atti jew miżuri msemmija f'paragrafu 1 mhix notifikata lill-Istati Membri mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, l-addozzjoni ta' dawn l-atti jew miżuri għandha tiġi kkomunikata lill-Istati Assoċjati mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-addozzjoni tal-atti jew miżuri kkonċernati, msemmija f'dan l-artikolu.

3. Kull Stat Assoċjat għandu jiddeċiedi indipendentement jekk hux se jaċċetta l-kontenut tal-atti jew miżuri msemmija f'paragrafu 1 u jekk hux se jimplimentahom fl-ordni legali interna tiegħu. Din id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni fi żmien 30 ġurnata tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-atti jew miżuri kkonċernati.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-aċċettazzjoni mill-Istati Assoċjati tal-atti u l-miżuri msemmija f'paragrafu 1 u l-konsegwenzi talli ma aċċetawhomx:

– L-Iżlanda u n-Norveġja – l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u man-Norveġja;

– L-Iżvizzera – l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżvizzera;

– Liechtenstein – l-Artikolu 5 tal-Protokoll ta' Assoċjazzjoni mal-Liechtenstein.

---

[8] Fiż-żmien tal-iffirmar tal-Arranġament preżenti dawn l-atti jew miżuri huma adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p.23) kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11)

Artikolu 6

1. Fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi assoċjati mal-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament, l-Istati Assoċjati għandhom jagħmlu kontribuzzjoni annwali lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej skont il-persentaġġ tal-prodott gross domestiku ta' pajjiżhom fir-rigward tal-prodott gross domestiku tal-Istati parteċipanti kollha ta' ammont ta' EUR 500 000, soġġett għal aġġustament annwali li jirrifletti r-rata ta' inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

L-ammont ta' EUR 500 000 għandu jiġi aġġustat permezz ta' skambju ta' ittri jekk l-evoluzzjoni tan-numru tal-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen li fihom l-Istati Assoċjati jipparteċipaw jew il-frekwenza tal-laqgħat teħtieġ dan.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti li se jipparteċipaw fil-laqgħat ta' dawn il-kumitati tal-Komitoloġija ta' Schengen mhux se jiġu rimbursati.

Artikolu 7

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkollu l-irwol tad-depożitarju ta' dan l-Arranġament.

2. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Assoċjati għandhom japprovaw dan l-Arranġament skont il-proċeduri tagħhom stess.

3. Id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Arranġament jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Komunità Ewropea u ta' mill-anqas Stat Assoċjat ieħor.

4. Dan l-Arranġament għandu jidħol fis-seħħ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat Assoċjat ikkonċernat fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara d-depożitu tal-istrument rispettiv ta' approvazzjoni jew ratifika mad-depożitarju.

5. Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan l-Arranġament jidħol fis-seħħ biss ladarba l-Protokoll ta' Assoċjazzjoni mal-Liechtenstin jidħol fis-seħħ.

Artikolu 8

1. Fir-rigward tan-Norveġja u l-Iżlanda, dan l-Arranġament għandu jiġi terminat meta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni rispettiv mal-Iżlanda u n-Norveġja jiġi terminat.

2. Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan l-Arranġament għandu jiġi terminat meta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżvizzera jiġi terminat.

3. Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan l-Arranġament għandu jiġi terminat meta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Liechtenstein jiġi terminat.

4. Id-depożitarju għandu jiġi nnotifikat bit-terminazzjoni.

Artikolu 9

Dan l-Arranġament u d-Dikjarazzjoni Konġunta, għandhom jitfasslu f'test oriġinali waħdani bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Iżlandiża u Norveġiża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komunità Ewropea

Għar-Repubblika tal-Iżlanda

Għall-Prinċipat tal-Liechtenstein

Għar-Renju tan-Norveġja

Għall-Konfederazzjoni Żvizzera

ANNESS 1

Lista tal-kumtitati eżistenti li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

– Il-kumitat stabbilixxa permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi[9]

– Il-kumitat stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[10], u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533//ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[11]; dan il-kumitat jassisti anke lill-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni tal-istrumenti legali li ġejjin:

  – Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)[12];

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[13];

  – Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal- 24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[14]

– Il-kumitat stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/201/ĠAI tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-proċeduri biex jiġi emendat il-Manwal Sirene u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-proċeduri għall-emenda tal-Manwal Sirene[15] sabiex jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-emenda tal-manwal Sirene;

– Il-kumitat stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi network sigur bbażat fuq il-web dwar l-informazzjoni u l-koordinazzjoni għas-servizzi ta' amministrazzjoni tal-migrazzjoni tal-Istati Membri (2005/267/KE)[16];

– Il-kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 a' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw

---

9 ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1- 4.
10 ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
11 ĠU L 205, 07.08.2007, p.63.
12 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60
13 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
14 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.
15 ĠU L 64 tat-2.3.2004, p. 5 u 45.
16 ĠU L 83, 1.4.2005, p. 48.

il-moviment ta' persuni min-naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen)[17] – sabiex jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-fruntieri esterni.

– Il-kumitat tas-"Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali -"Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" [18];

– [p.m. Il-kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar Viżi[19] – il-Kumitat tal-Viża'].

[17] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[18] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
[19] ĠU L …, …, p. ….

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI DWAR ASSOĊJAZZJONI SPEĊIFIKA BL-IMPLIMENTAZZJONI, APPLIKAZZJONI U ŻVILUPP TAL-*ACQUIS* TA' SCHENGEN

Il-Partijiet Kontraenti jiddikjaraw b'mod konġunt li l-assoċjazzjoni speċifika tar-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera bl-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen jenfasizzw li m'għandhiex tiġi meqjusa bħala preċedent legali jew politiku għal kull qasam ta' kooperazzjoni ieħor bejn il-Komunità Ewropea u dawk l-Istati.